MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Numru 541/2001

**Artikoli 207, 209, 221(1), 249(2), 252, 339(1)(e), 325(b)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
**u l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Abraham Zammit**
**V**

**DARREN GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DARREN GALEA** bin John u Elena nee Mifsud, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' April 1981 u joqghod 20, Triq il-Kardinal Sciberras, Santa Venera jew 'Iris', Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 182881M gie imressaq quddiemha

akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Gunju, 2001 ghall-habta tal-hdax u l-hdax u n-nofs ta' bil-lejl, fil-Fgura;

1. Kkommetta attentat ghal pudur fuq il-persuna ta' Mariella Galea peress li qattalgha u nezzaghlha l-hwejjeg taghha u b'hekk voluntarjament hassar jew qatta l-imsemmija hwejjeg proprjeta ta' Mariella Galea, liema hsara tammonta ghal sebgha w tletin lira u disghin centezmu u b'hekk offenda wkoll l-morali fil-pubbliku;
2. Talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mariella Galea skond kif ccertifika Doctor C. Muscat MD mill-Paola Health Centre;
3. Talli hedded lil Mariella Galea bil-kliem '*insawwtek jekk ma tigix mieghi, intajjrek jekk ma taghmilx li qed nghidlek, jekk ma nwasslekx il-Gzira*', w ingurji varji;
4. Talli fl-istess data, lok, hin voluntarjament kiser il-boun ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor; u
5. Talli fl-istess data, lok u hin saq il-vettura numru ta' registrazzjoni SWT 016 tal-ghamla Fiat Bravo b'manjiera perikoluza u bla kont.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sugurezza ta' Mariella Galea ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax ta' Ottubru 2001 esibit fl-atti a fol 15 markat bhala dokument CSH 3.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif ddikjara hu stess fl-ezami li sarlu mill-Qorti ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta  nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2002 kif jirrizulta a fol 18 tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif registrata fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-

Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kwistjoni kienet wahda bejn koppja li m'ghadhomx ghaddejjin bir-relazzjoni taghhom u li llum il-gurnata kemm l-imputat kif wkoll Mariella Galea marru fi triqithom differenti.

Rat li l-imputat diga beda jaghmel tejjeb ghad-danni kagjonati minnu ghad-detriment ta' Mariella Galea u fil-fatt llum il-bilanc dovut huwa ta' ftit aktar minn tlett mitt lira maltin.

Rat li l-imputat ghndu fedina penali netta, bla ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi thoss li l-imputat m'ghandhux jintbaghat l-habs.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 207, 209, 221(1), 249(2), 252, 339(1)(e), 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tas-suespost **il-Qorti** thoss li l-piena idoneja hija dik li **tpoggi lil imputat DARREN GALEA taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tmintax il-xahar taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li jigi maghzul mid-Direttur responsabbli u tordna ai termini tal-artikolu 3(1) tal-Kap 466 li l-istess imputat jhallas**

**dawk id-danni bhala kumpens lil Mariella Galea fl-ammont ta' tlett mitt lira maltin sa zmien sitt xhur mill-lum ai termini tal-artikolu 24(1) tal-Kap 446 fuq imsemmi.**

**L-imputat probationer ghandu joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation, jzomm kuntatt regolari maghha u f'kaz li huwa jonqos li josserva xi ordni moghtija minnha, il-Qorti tezigi li tkun infurmata minnufih u b'hekk l-istess imputat probationer jerga jingieb quddiemha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi moghtija lil imputat probationer u tordna notifika taghha lil Ufficjal tal-Probation.**

**Stante c-cirkostanzi l-Qorti mhux ser tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghalkemm tobbligah ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin li ma jimmolestax, ma jinsulentax, ma jingurjax u ma jhedditx lil Mariella Galea.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------